

Brussell, 14 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6787/25
ADD 1

COH 15

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-koeżjoni u l-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2027 – <i>Dikjarazzjoni mill-Ungerija</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-ANNEX id-dikjarazzjoni mill-Ungerija.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-koeżjoni u l-Politika ta' Koeżjoni ta' wara l-2027

L-Ungerija tilqa' l-approvazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-koeżjoni u l-Politika ta' Koeżjoni wara l-2027, peress li dawn għandhom rwol importanti fir-rikonoxximent tal-prinċipji ewlenin tal-politika (bħala essenzjali għat-trawwim tal-konverġenza, ir-reżiljenza u l-kompetittività), u fl-affermazzjoni mill-ġdid tar-rwol fundamentali tagħha fl-Unjoni Ewropea qabel il-proposti leġiżlattivi għal wara l-2027.

Madankollu, l-Ungerija hija mħassba dwar il-formulazzjoni kumplessa tal-paragrafu 8 u żżomm il-pożizzjoni tagħha li kwalunkwe rabta possibbli bejn ir-rispett tal-valuri tal-UE, inkluż l-istat tad-dritt u l-Karta, u l-aċċess għall-finanzjament tal-UE għandha tkun soġġetta għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.

Għalhekk, il-paragrafu inkwistjoni bl-ebda mod ma jista' jippreġudika kwalunkwe diskussjoni li twassal għal, jew li tappartjeni fil-qafas tan-negozjati tal-QFP.

Abbażi tal-esperjenza diżappuntanti tal-Ungerija dwar **ir-reġimi attwali ta' kundizzjonalità** li jistgħu jintużaw b'mod preġudikat biex jiġi mblukkat l-aċċess ta' Stat Membru għall-fondi tal-UE, **irrispettivament minn jekk ikunx ir-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni**, il-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jew is-sistema ta' superobjettivi intermedji li jikkonċernaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, intennu l-pożizzjoni tagħna li s-sistema attwali ma ħadmitx f'konformità mal-prinċipji meħtieġa ta' oġġettività, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali tal-Istati Membri iżda pjuttost bħala arma politika biex tiġi eżerċitata pressjoni bla bżonn fuq ċerti Stati Membri.

L-Ungerija tfakkar ukoll fil-karattru sussidjarju tar-reġim ta' kundizzjonalità, li l-applikazzjoni tiegħu jenħtieġ li tiġi kkunsidrata biss, speċjalment fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, meta proċeduri oħra stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, inkluż l-użu ta' proċeduri ta' ksur, ma jippermettux li l-baġit tal-Unjoni jiġi protett b'mod effettiv.

Kif l-Ungerija indikat preċedentement, abbażi tal-esperjenza **tagħna mhux ser naqblu mal-kontinwazzjoni tas-sistema ta' kundizzjonalità fil-forma attwali tagħha**. Għaldaqstant, l-Ungerija taqbel mal-approvazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill attwali bil-fehim li **dawn ma jistgħu bl-ebda mod jiġu interpretati bħala appell biex jinżamm kwalunkwe wieħed mir-reġimi msemija fil-forma attwali tagħhom u speċjalment mhux bħala appell għat-tisħiħ jew l-estensjoni ulterjuri tagħhom jew biex tinholq rabta aktar b'saħħitha bejn il-valuri tal-Unjoni jew il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-aċċess għall-fondi tal-UE**. Infakkru li għadu primarjament fidejn l-Istati Membri li jiżguraw ir-rispett għall-valuri u d-drittijiet fundamentali, abbażi tat-tradizzjonijiet u r-regoli kostituzzjonali tagħhom.

Barra minn hekk, filwaqt li l-Ungerija taqbel mal-importanza tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, hija tfakkar li jenħtieġ li l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-prinċipju japplikaw ukoll għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-ġestjoni tal-allokazzjoni tal-fondi tal-UE, tal-inqas b'mod strett daqs kemm huwa meħtieġ mill-Istati Membri.
